



[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Kriminali](#) > [Kooperazzjoni Ġudizzjarja](#) > [#las ta' multi](#)

## #las ta' multi

Il-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku jkopri wkoll l-eżekuzzjoni ta' pieni finanzjarji f'kawżi transfruntiera billi l-eżekuzzjoni ta' dawn il-pieni tkun iffaċilitata fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat fejn ġew imposti l-pieni.

Il-liġi tal-UE, jiġifieri [d-Deċiżjoni Kwadru 2005/214/ĠAI](#), tapplika l-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku tal-pieni finanzjarji, li jippermettu li awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tittrażmetti piena finanzjarja direttament lil awtorità f'pajjiż ieħor tal-UE u li dik il-piena tiġi rikonossuta u eżegwita mingħajr ebda formalità oħra.

Il-prinċipju japplika għar-reati kollha li jistgħu jingħataw piena finanzjarja u kontrolli ta' kriminalità doppja huma aboliti fir-rigward ta' 39 reat elenkat (eż. parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, terroriżmu, traffikar ta' bnedmin, stupru, serq, reat tat-traffiku fit-triq). Il-pieni jridu jkunu imposti mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi tal-Istati Membri u din id-deċiżjoni trid tkun finali, jiġifieri ma jkun hemm l-ebda possibbiltà oħra ta' appell mid-deċiżjoni.

Deċiżjoni, flimkien ma' [ċertifikat](#)  (107 Kb)  kif previst fid-Deċiżjoni Kwadru tista' tiġi trażmessa lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru fejn il-persuna fiżika jew ġuridika li tkun ittiegħdet deċiżjoni kontriha jkollha proprjetà jew introjtu, fejn tkun normalment residenti jew fejn ikollha is-sede rreġistrata tagħha. Kull Stat Membru jinnomina awtorità (jew iktar) li tkun kompetenti skont il-liġi nazzjonali tiegħu għall-ġestjoni tat-trażmissjoni tad-deċiżjonijiet dwar l-impożizzjoni ta' pieni finanzjarji f'kawżi transfruntieri. FI-2017, fuq l-inizjattiva ta' ċerti Stati Membri, inħolqu [5 formoli standardizzati](#). Dawn mhumiex ta' natura vinkolanti u għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-mekkaniżmu għall-eżekuzzjoni ta' pieni finanzjarji transfruntiera kif stabbilit mid-Deċiżjoni Kwadru u jwasslu għat-tnaqqis tal-piż finanzjarju u amministrattiv marbut mal-proċedura.

L-istat li d-deċiżjoni tkun ġiet trażmessa lill-istat jista' biss jirrifjuta li jeżegwixxi d-deċiżjoni f'każijiet limitati (eż. jekk iċ-ċertifikat stipulat ma jkunx ġie prodott jew ma jkunx komplut; il-piena finanzjarja tkun inqas minn EUR 70; il-persuna kkonċernata ikollha limiti għal rimedju legali eċċ.). L-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni hija rregolata mil-liġi tal-istat ta' eżekuzzjoni. Hija tista' timponi priġunerija jew pieni oħrajn previsti mil-liġi nazzjonali f'każ ta' nuqqas ta' rkupru tal-piena finanzjarja. Il-flus miksuba mill-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet jinbqgħu għand l-istat ta' eżekuzzjoni, sakemm l-Istati Membri rispettivi ma jkunux qablu mod ieħor.

Biex tikseb iktar informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni minn Stati Membri differenti, ikklikkja [hawnhekk](#) (u tiġi ridirett għall-paġna ddedikata tan-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali).

L-aħħar aġġornament: 25/03/2022

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.